**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 2629** **25.11.2013**

**LAQGĦA TA' KONSULTAZZJONI PUBBLIKA MILL-KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA**

L-iSpeaker Anġlu Farrugia jixtieq ifakkar illi għada 26 ta' Novembru 2013 fl-4.30 pm fil-Kamra tal-Kumitati, il-Palazz, il-Belt Valletta, ser ikun qiegħed jiltaqa' l-Kumitat Magħżul tal-Kamra dwar it-twaqqif ta' Uffiċċju ta' Kummissarju u ta' Kumitat Permanenti dwar l-istandards, l-etika u l-imġiba xierqa fil-ħajja pubblika.

Il-Kumitat qiegħed jistieden membri mis-soċjetà ċivili sabiex jattendu għal din il-laqgħa fejn ser ikun hemm l-opportunità li jesprimu l-veduti tagħhom dwar il-materja.

Dawk il-membri tal-pubbliku li huma interessati li jattendu u jagħtu l-opinjonijiet tagħhom huma mitluba jinfurmaw lill-Iskrivan tal-Kamra billi jibagħtu email fuq selectcommittee@parlament.mt jew inkella jċemplu fuq 2559 6207.

Il-Kumitat ifakkar ukoll illi l-laqgħat tal-Kumitat Magħżul, inkluż dik ta' konsultazzjoni pubblika, huma kollha miftuħa għall-pubbliku u jistgħu jiġu segwiti wkoll b'mod dirett minn fuq is-sit tal-Parlament www.parlament.mt.

**Attachments: none**



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**